**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**
**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 30 ta' Mejju 2024**

**Kawża Numru: 3**
**Rikors Guramentat Numru:- 3/2022 JVC**

**Milon Mia (Police no. 19G-016 REFCOM 24017)**

**vs**

**1. L-Agenzija ghal Protezzjoni Internazzjonali (Kummissarju tar-Refugjati)**
**2. L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Milon Mia fejn premetta u talab kif isegwi:

1. 'Illi, l-attur huwa ta' nazzjonalita' Bangladexi;

2. Illi, mal-wasla tiegħu f'Malta l-attur applika mal-Kummissarju tar-Rifuġjati sabiex jottjeni protezzjoni internazzjonali u jikseb l-istatus ta' rifuġjat;

3. Illi r-rikorrent talab għall-ażil quddiem il-Kummissarju tar-Refuġjati, liema talba ma ġietx milqugħa b'deċiżjoni tiegħu u dan mingħajr ma ngħata ebda raġuni, liema deċiżjonijiet sussegwentement ġiet appellata mir-rikorrent quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati liema Bord għadda sabiex jikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju għar-Refuġjati;

4. Illi, l-attur iħoss li l-Kummissarju tar-Rifuġjati (ġja l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali) illediet id-drittijiet fundamentali tiegħu meta għaddiet sabiex tagħti d-deċiżjoni tagħha mingħajr ma tat l-opportunita' jisma' lir-rikorrenti u dan kif ser jiġi muri ampjament waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża u dan bi ksur tal-prinċipju bażiku tal-ġustizzja naturali *audi alteram pars;*

5. Illi, *l-interview,* li ma jifformax parti minn proċess ġudizzjarju u lanqas jagħti lok għall-applikant iwieġeb għal mistoqsijiet jew jagħmel kjarifiki mal-Kummissarju tar-Refuġjati, ossija Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali, ma jista' qatt jitqies bħala strument li bih l-applikant ingħata smiegħ xieraq;

6. Illi, bid-dovut rispett, il-Kummissarju tar-Rifuġjati ma' jistgħax bħala awtorita' kważi-ġudizzjarja jaġixxi ta' Tribunal indipendenti u imparzjali u jiggarantixxi li applikant ser ikollu dritt ta' smigħ xieraq tal-applikazzjoni quddiemu u dan peress li l-Kummissarju tar-Rifuġjati ma

huwiex maħtur b'dawk l-istess kriterju u bl-istess protezzjonijiet li l-liġi tagħti lill-ġudikanti fil-Qrati li huma intiżi sabiex jiggarantixxu dawk l-istess elementi ta' indipendenza u imparzjalita' u dan bil-għan li l-ġudikant jiddelibera u jasal għal deċiżjoni bl-aktar mod seren u li l-hinn minn kwalsijasi influwenza;

7. Illi, għalhekk l-attur ma'għandux garanzija u lanqas is-serenita' li huwa dovut lil kull cittadin f'Malta, li l-Kummissarju tar-Rifuġjati, meta jasal għad-deċiżjonijiet tiegħu, huwa ħa dawk id-deċiżjonijiet li ħa a bażi biss tal-liġi u tad-drittijiet fundamentali u libertajiet tagħhom u mhux skont il-politika tal-Gvern tal-ġurnata fir-rigward tal-Immigrazzjoni;

8. Illi, ma hemmx serħan mill-ksur ta' dan id-dritt u ma jeżisti ebda sanar tad-deċiżjoni tal-Kummissarju tar-Rifuġjati billi wieħed jargumenta li dawk il-miżuri li jiggarantixxu tali indipendenza u imparzjalita', huma mbagħad minsuġa f'Bord tal-Appell u dan peress li t-tutela u l-garanzija tad-drittijiet fundamentali u libertajiet tal-bniedem iridu jissussistu tul il-proċess ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju kollu u mhux f'parti minnu biss – appell kieku stess li ma seħħx;

9. Illi, mingħajr preġudizzju u subordinatament għas-suespost, hemm konsiderazzjonijiet oħra ukoll fejn il-leżjoni ta' dan id-dritt ippersista oltre għal kunsiderazzjoni dwar l-indipendenza u imparzjalita' tal-funzjonarji tal-uffiċji rispettivi tal-Bord tal-Appell u dak tal-Kummissarju;

10. Illi mingħajr preġudizzju u subordinatament għas-suespost, il-ħarsien ta' dan id-dritt suprem ġie mittiefes meta l-Kummissarju naqas li jinforma lill-applikanti, *qua* atturi, dwar:

(i) l-konsegwenza tal-intervista tiegħu u l-importanza ta' dak kollu li jgħidu x'impatt jista' ikollu fuq id-deċiżjoni tiegħu; u sinifikativament;

(ii) id-dritt tal-applikant għal konsulenza u rappreżentanza legali f'kull stadju tal-applikazzjoni tiegħu, senjatament f'dawk il-każijiet li jiġu ddikjarati li huma **manifestament infondati** (emfasi tal-esponent) bħalma kien dan il-preċiż każ;

Għaldaqstant l-attur, in vista ta' dak kollu hawn suespost u ta' dak il-provi kollha produċibbli fl-istadju opportun tas-smigħ tal-kawża, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi d-deċiżjonijiet tal-Kummissarju tar-Rifuġjati huma bi ksur id-dritt fondamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq senjatament ai termini tal-**Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, l-**Art. 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta** u tal-**Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali;** u

2. Konsegwentement għall-**Ewwel** Talba, tħassar u tannulla d-deċiżjonijiet tal-Kummissarju tar-Refuġjati; u

3. Konsegwentement għat-**Tieni Talba,** tordna lill-Kummissarju tar-Rifuġjati jerġa' jikkonsidra l-applikazzjoni

tal-attur mill-bidu nett u taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li huma xierqa għas-salvagwardja u protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u libertajiet tal-applikant *qua* attur; u/jew alternattivament.

Rat ir-risposta tal-Agenzija ghal Protezzjoni Internazzjonali (Kummissarju tar-Refugjati) u tal-Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in linea preliminari ukoll jigi eccepit li rikorrent naqas milli jutulizza rimedju ordinarju effettiv u accessibbli li taghtih il-ligi u cioe` azzjoni ghal-stharrig gudizzjarju ta` eghmil amministrattiv ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12. Analizi *prima facie* tat-talbiet tar-rikorrent huma infatti talba ghal thassir ta decizjoni ta' awtorita' u talba sabiex l-istess awtorita tiehu decizjoni mill-gdid. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* ghall-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta *stante* non-ezawriment ta` mezzi ordinarji ta` rimedju;

2. Illi in linea preliminari, l-ghoti jew cahda ta' status ta' refugjat (ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap 420 tal-Ligijiet ta' Malta) ma taqax fil-mansjonijiet u r-responsabbilitajiet tal-Avukat tal-Istat li konsegwentement mhuwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrent u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju oltre l-fatt li a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) l-Kap in kariga tal-materja in kwistjoni ghandu jirrispondi ghal talbiet gudizzjarji;

3. Illi preliminarjament ukoll, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta′ applikabbilita′ tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-kaz odjern;

4. Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jecepixxu li ghal dak li jirrigwarda l-jedd ta′ smigh xieraq, il-Qrati taghna kif ukoll ta′ Strasburgu dejjem irritenew illi sabiex japplikaw l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja rispettivament jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b′mod illi biex jiddeterminaw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta′ smigh xieraq, iridu jqisu l-process kollu kemm hu fl-assjem tieghu. Dan ifisser li l-Qorti ma tistax u mghandhiex tiffoka fuq bicca wahda mill-process shih gudizzjarju biex minnu jekk issib xi nuqqas tasal ghall-konkluzjoni li tabilfors sehh ksur tal-jedd ghas-smigh xieraq (ara **Adrian Busietta vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta′ Marzu 2006 u **Dimech v. Malta** deciza mill-Qorti Ewropeja fit-2 ta′ April 2015);

5. Illi mhux kull interpretazzjoni hazina tal-fatti twassal ghal ksur tad-dritt fundamentali u mhux kull meta kawza tintilef minhabba interpretazzjoni jew apprezzament hazin tal-fatti jaghti dritt illi l-mertu tal-kaz ikun ezaminat mill-gdid minn ottika ta′ drittijiet fundamentali. Illi l-Qrati moghnija b′setgha kostituzzjonali u konvenzjonali ma ghandhomx jigu mibdula f′Qrati tat-tielet jew raba′ istanza izda dawn il-Qrati huma moghtija s-setgha li, f′kaz ta′ ilment dwar ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna ghal smigh xieraq quddiem Qorti indipendenti u imparzjali, tistharreg l-imgiba ta′ kull awtorita′ gudikanti ohra, imqar jekk tkun wahda gerarkikament oghla minnha. Izda dina s-setgha wiesgha hija limitata fis-sens li l-Qrati ta′ gurisdizzjoni kostituzzjonali ma ghandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi

ksur ta' jedd ta' smigh xieraq ikkommettewx zball ta' ligi jew ta' fatt fid-decizjonijiet taghhom (ara **Domenico Savio Spiteri vs Avukat Generali et** deciza fit-2 ta' Ottubur 2001). Hija setgha limitata biex tqis jekk il-procediment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq kienx tassew wiehed imparzjali u 'skond il-ligi' (ara **Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et** deciza fit-28 ta' Dicembru 2001). Illi ghalhekk, proceduri maghmula abbazi ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali mhijiex mahsuba biex isservi ta' appell jew kassazzjoni minn sentenzi li jkunu ghaddew in gudikat. Proprju f'dan il-kaz, ir-rikorrent qieghed ilibbes l-ilment tieghu bhala vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom meta dan ma huwa xejn hlief appell gdid mill-apprezzament milhuq mill-Bord u mill-ex Kummissarju ghar-rifugjati. Isegwi ghalhekk li ilment bhal dan ma jistax jigi mistharreg mill-lenti ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali u ghalhekk ghandu jigi mwarrab;

6. Illi fi kwalunkwe kas l-allegazzjoni tar-rikorrent illi l-Kummissarju tar-Rifugjati naqas milli jiggustifika jew jaghti raguni ghar-rifjut ta' protezzjoni internazzjonali hija invertiera *stante* l-*evaluation report* u r-rakkomandazzjoni tal-istess ex Kummissarju ghar-rifugjati llum l-Kap Ezekuttiv tal-International Protection Agency data 3 ta' Settembru 2018 jispjega ir-ragunijiet kollha fuq liema l-eks Kummissarju tar-rifugjati ibbaza d-decizjoni tieghu (Kopja tal-*evaluation report* qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok '**IPA 1**');

7. Illi l-esponent *International Protection Agency* tecepixxi illi m'huwiex minnu illi l-applikazzjoni giet rifjutata bhala manifestament infondata. L-applikazzjoni giet rifjutata fit-3 ta' Settembru 2018 ai termini tal-artikolu 17 tal-Kap. 420 ghaliex ma ssodisfatx il-kriterja ghal protezzjoni sussidjarja.

Ir-rikorrent kellu dritt japella d-decizjoni tal-esponent kif fil-fatt ghamel quddiem it-Tribunal tal-Appelli Ghal Protezzjoni Internazzjonali (Kopja tal-*eligibility recommendation* tat-3 ta' Settembru 2018 qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok' **IPA 2'**);

8. Illi minghajr pregudizzju ghal dak li nghad aktar kmieni f'din ir-risposta, l-esponenti jissottomettu li l-proceduri quddiem il-Kummissarju ghar-rifugjati u l-Bord ma huma mtappna mill-ebda vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq. Il-proceduri quddiem awtorita' amministrattiva bhal l-kummissarju ghar-rifugjati llum l-agenzija ghal protezzjoni internazzjonali m'humiex *adversarial* u l-istess awtorita m'huwiex tribunal jew Qorti. Kwindi l-allegazzjoni tal-ksur tad-dritt fundamentali quddiem l-istess kummissarju hija improponibbli;

9. Illi jigi eccepiet illi l-attur ma jistax jissepara l-process amministrattiv illi sar quddiem il-Kummissarju ghar-rifugjati li hija decizjoni ta' awtorita u li kif huwa risaput ampjament ir-rekwiziti tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikawx kelma b'kelma f'dak il-process mal-process komplet u cjoe r-review illi sar quddiem it-tribunal tal-appelli ghal-protezzjoni internazzjonali. L-attur ma jistax jissepara l-process komplett mbghad jippunta nuqqas ta salvagwardja kontra l-awtorita' kompetenti. L-artikolu 6 japplika ghal process kollu fl-intier tieghu u mhux ghas-spettazzjoni fittizja tal-attur;

10. Illi jsegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

12. Bl-ispejjez.

Rat illi fil-verbal datat 7 ta' Novembru, 2023 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrent odjern Milon Mia jsostni li huwa ssottometta applikazzjoni sabiex jinghata l-istatus ta' refugjat liema applikazzjoni giet rifjutata mill-Kummissarju tar-Refugjati. Konegwentement sar appell mill-istess decizjoni quddiem il-Bord li izda kkonferma d-decizjoni tal-Kummissarju. Permezz tar-rikors Kostituzzjonali odjern ir-rikorrent jallega li d-decizjoni tal-Kummissarju tar-Refugjati u l-proceduri ta' quddiemu lledew id-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq kif protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewopea ghaliex il-Kummisarju naqas li jinforma lir-rikorrent dwar il-konsegwenza tal-intervista tieghu u l-importanza ta' dak kollu li jghid, x'impatt jista' jkollu fuq id-decizjoni tieghu u d-dritt tal-applikant ghal konsulenza legali. Finalment dan kollu wassal sabiex it-talba tieghu giet rifjutat. Ir-rikorrent jiltob ghalhekk dikjarazzjoni mill-Qorti li gew miksura d-drittijiet tieghu fit-termini tal-aritkoli suesposti u sabiex konsegwentement thassar id-decizjoni tal-Kummisarju tar-Refugjati u tordna li l-applikazzjoni tar-rikorrent terga tigi rikonsidrata.

Illi l-Agenzija intimata u l-Avukat tal-Istat joggezzjonaw ghat-talbiet tar-rikorrenti u ressqu bosta eccezzjonijiet inkluz diversi

eccezzjonijet preliminari u fil-mertu kif gia suespost u jitolbu li din il-Qorti ghalhekk tichad it-talbiet tar-rikorrent.

**Provi:**

Illi bhala provi l-Qorti rat il-kopja tal-Evaluation Report relattiv ghar-rikorrent a fol. 12 et seq tal-process u rat l-informazzjoni kollha li huwa ta fl-istess dokument u l-livell ta' piz u kredibilita' li l-Kummissjoni tat lill-informazzjoni moghtija u r-ragunijiet ghalfejn huwa talab li jinghata status ta' refugjat. Ghandu jigi notat li fiha jigi dikjarat li l-applikazzjoni saret bil-lingwa Ingliza izda l-applikant gie provvist bi traduttur ghal-lingwa tieghu. Rat li l-intervista tieghu kienet wahda pjuttost twila u dettaljata fejn sahansitra fl-ahhar taghha huwa gie mistoqsi jekk kellux xi informazzjoni ohra x'jaghti u jirrispondi li le.

Rat ir-rakomandazzjoni tal-Kummissjoni ghar-Refugjati datata 3 ta' Settembru, 2018 bil-lingwa Ingliza fir-rigward tar-rikorrent Milon Mia esebita a fol. 25 tal-processs li ghar-ragunijiet kif indikati fl-istess gie rakomandat li din l-applikazzjoni ghall-protezzjoni internazzjonali tigi michuda. In succint jirrizulta li ghalkemm l-applikant gie emmnut li huwa gej mill-Bangladesh, li huwa Musulman Sunni, li huwa mizzewweg bit-tfal li jinsabu fil-Bangladesh u li sabiex wasal Malta huwa ghamel xhur jghix l-Egittu u l-Libja, l-versjoni tieghu li huwa qed ifittex status ta' refugjat ghaliex gie attakkat minn grupp ta' rgiel li jahsbu li huwa jifforma parti mill-BNP party ma gietx emnuta stante li gie kunsidrat li ma tax bizzejjed informazzjoni. Minn naha l-ohra it-tieni raguni li ta ghall-applikazzjoni, cioe' dik li gie Malta sabiex isib xoghol ahjar u jghin lill-familja tieghu lura fil-pajjiz giet emmnuta. Jirrizulta izda li din it-tieni raguni ma tikwalifikahx

skont il-ligi ghall-istatus ta' refugjat.  Ghalhekk l-appliakzzjoni giet rakomandata ghar-rifjut.

Rat a fol. 26 l-ittra datata 3 ta' Settembru, 2018 tal-Kummissarju ghar-Refugjati lir-rikorrent li permezz taghha bil-lingwa Ingliza gie nfurmat li l-applikazzjoni tieghu kienet giet rifjutata u wkoll li kellu dritt ta' appell lir-'Refugee Appeals Board' u wkoll li kellu dritt ghall-ghajnuna legali b'xejn.

Rat **a fol. 76 u 77 l-affidavit tar-rikorrent fejn huwa jiddikjara kif isegwi:**

'I am from Bangladesh and my parents and siblings from Dhaka. My family and I adhere of the Muslim faith and I left my country after my family was forced to leave our native village after attacked by our neighbours.

I left Bangladesh in March 2018 and travelled to Egypt and then Libya. From Libya I arrived to Malta by boat and soon after I applied for refugee protection status with what was then Refugee Commission office, I informed of my intention to apply for this protection when I was still being detained at Safi Barracks. I was asked my particulars, which I gave but was given no information as to what my rights were.

Later I was scheduled for an interview and although I was given the service of an interpreter I was never informed. Contrary to what was been testified by the interpreter and case worker in this case whether verbally or in writing of my right to legal representation. Had I been told that I had right to be assisted by a lawyer I would had chosen to do so.  In fact due to the way interview was handled.  I was made to think that the service by

lawyer was not allowed. I was never told what the prupose of the interview was, and more importantly I was never made aware of what the consequences of my replies to the itnerviews would mean for me and for the determination of my application.

For asylum status I feel that not being informed of this basic right of mine meant that proceeded to participate in the interview without any legal counsel what so ever.

The right to legal counsel during a police interview is for example a right which the interview may choose to use. Furthermore during a police interview, the police ask question and take them down and do not decide on what has been said, in this case however, the Refugee Commissioner's office staff are the ones to perform the interview and the refugee commissioner decides the application in the basis of that interview. The Refugee Commissioner is both judge, jury and prosecutor and therefore and the importance of being informed of the right to legal counsel is that much more important here than it would be in the case of a police interview.

Lastly given that the Refugee Commissioner is taking a decision on the basis of an interview carried out by his own members of staff and what has been recommended to him. My opinion that he cannot be considered to be an independent and impartial adjucator of the case presented before him.'

Rat li r-rikorrent xehed in kontro-ezami a fol. 106 et seq tal-process bl-ghajnuna ta' traduttur. Jikkonferma li meta saritlu l-intervista kien hemm traduttur prezenti. Jghid li l-ewwel darba ma kienx jaf li seta' jkollu avukat ghalhekk imbaghad mar ghand l-Avukat. Meta applika kien jaf li qed japplika ghall-istat ta' refugjat. Jixhed

li huwa ma ghandu l-ebda istruzzjoni legali. Izid li qatt ma gie mistqosi mill-Pulizija Ezekuttiva. Mistoqsi jekk waqt l-intervista inghatax ic-cans li jispjega l-kaz tieghu jghid li iva tawh l-opportunita'.

**Rat a fol. 33 tal-process id-dokument esebit mix-xhud Dr. Sarah Ezabe (li xehdet a fol. 78) rizultanti fil-process kollu tal-Kummissjoni Refugjati** u nkluz dikjarazzjoni fejn ir-rikorrent ikkonferma kif isegwi:

'I, the undersigned, whose name is written above, declare that I have received my decision papers regarding my application for international protection from the Officer at the Office of the Refugee Commissioner, Msida.

I confirm that I have recieved the following documents:

1. a document entitled Eligibility Memo
2. a document entitled Eligibility Recommendation
3. a copy of the transcript of the interview notes
4. Evaluation report

I hereby declare that such documents were explained to me in a language that I understand with the help of an interpreter, including my rights and obligations which emanate from such status. In particular I was also given the necessary information regarding my right to appeal.'

Dan id-dokument igib id-data tal-4 ta' Settembru, 2018.

Rat **li din ix-xhud gie prezentat ukoll affidavit taghha fol. 110 et seq tal-process.** Tixhed li hija Avukat fi hdan l-Agenzija intimata.

F'dan l-affidavit tixhed b'mod kronologiku kif mexa l-kaz tar-rikorrent u wkoll tesebixxi kopja tad-dokumenti relattivi li kopja taghhom giet esebita wkoll f'partijiet ohra tal-process.

Rat **ix-xhieda ta' Martina Perrone a fol. 96 et seq tal-process** il tikkonfemra li kienet il-'case officer' fi hdan l-ufficcju tal-Kummissarju ghar-Refugjati li ghamlet l-intervista lir-rikorrent. Hija tixhed li xogholha kien kif isegwi:

'Minghalija bdejt nahdem Jannar 2017 sa December 2018; jigifieri sena u 11 months. Kont nahdem fl-Office of the Refugee Commissioner u bazikament x-xoghol kien jirrikjedi li naghmel l-interview mal-applikant fejn ghandu l-oportunità jesprimi ruhu ghaliex telaq mill-pajjiz u ghaliex ghandu bzonn il-protezzjoni. Imbaghad wara l-interview isir l-evalwazzjoni fejn naraw l-informazzjoni li tana hijiex kredibli jew le u jekk hija kredibli, jekk tikkwlifikax ghal xi tip ta' protezzioni jew le skont il-country of origin, ir-ricerka li tohrog mill.....'

Tixhed li ma tiftakarx il-kaz imma tikkonferma li ghamlet kollox hi. Tghid li qabel l-intervista ssir introduzzjoni fejn jigi nfurmat li jista' jdum kemm irid, li aktar ma jaghti informazzjoni aktar jghin il-kaz tieghu. Kellhom karta li kienu jimxu maghha dwar dan u wkoll kellhom karta bid-drittijiet li kienet bl-Ingliz min jifhem jaqraha min le jghidilhom l-interpretu. Dwar il-kredibilita' ta' wahda mill-pretensjonijiet tar-rikorrent tixhed:

'Jeddependi skont l-informazzioni li ta. Ezempju kien hemm hafna ragunijiet. Wahda minnhom ma tax bizzejied dettall fil-fatt fi-interview kien hemm mument fej beit nghidlu jien biex jaghtini aktar dettall. Ezempju kien hemm tal-BNP Party li hu qal li jissapportja l-BNP Party però kien hemm certu infomazzjoni li ma

kienx jaf fuqha. Qal li ged jigi attakkat minn dan il-grupp ta' rgiel li huma parti mill-Awami League però mhux cert. Jigifieri anqas hu stess ma jaf verament min qed jattakkah. . . . .

. . . . Anke wkoll meta jien ghedtlu jekk il-familja tieghu ghandhomx problemi fil-Bangladesh, hu qal li l-problema li hemm in-nuqqas ta' flus. Jigifieri ma semmilix li qeghdin jibzghu minn dan il-grupp ta' irgiel u anke fl-ahhar meta ghedtlu jekk hu jixtieqx jghid xi haga ohra, hu qal li jixtieq jibqa' hawn Malta biex isib job halli jibghatilhom il-flus.'

Tghid li kellu opportunita' li jipprezenta evidenza kieku ried izda hu ma prezenta xejn.  Tispjega li l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tkun ghamlitha hi izda mbaghad din tghaddi ghand il-Kummissarju tar-Refugjati li jkollu l-ahhar decizjoni.  Tghid li fil-kaz taghha qatt ma grat li l-Kummissarju ma mxietx mar-rakomandazzjoni taghha.  Tixhed li waqt l-intervista fl-ebda hin ir-rikorrent ma qallha li ma kienx kuntent bl-andament taghha jew li ried avukat ghaliex kieku dan kien jitnizzel.  Tghid ukoll li qatt ma kellha applikant li qalilha li ma kienux qed joghbuh id-domandi jew li ried avukat.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**(i) L-ewwel eccezzjoni preliminari – ma esawriex ir-rimedji ordinarji:**

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-intimati taqra kif isegwi:

'Illi in linea preliminari ukoll jigi eccepit li rikorrent naqas milli jutulizza rimedju ordinarju effettiv u accessibbli li taghtih il-ligi u cioe` <u>azzjoni ghal-stharrig gudizzjarju ta` eghmil amministrattiv</u> ai

termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12. Analizi *prima facie* tat-talbiet tar-rikorrent huma infatti talba ghal thassir ta decizjoni ta' awtorita' u talba sabiex l-istess awtorita tiehu decizjoni mill-gdid. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* ghall-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta *stante* non-ezawriment ta` mezzi ordinarji ta` rimedju;'

Il-Qorti rat l-artikolu 469 A tal-Kap. 12 u tirrikonoxxi li l-istharrig ta' ghemil amministrattiv meta allegatament ikun bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta jaqa' fil-paramenti ta' dak l-artikolu tal-ligi. Pero' jirrizulta li l-kaz odjern huwa wkoll imsejjes abbazi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ghalhekk imur oltre dak li jaqa' entro t-termini tal-artikolu 469 A. Din il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni.

**It-tielet eccezzjoni: nuqqas ta' applikabilita' tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-kostituzzjoni ta' Malta ghall-kaz odjern:**

Il-Qorti rat li f'dan ir-rigward l-intimati dahlu ferm fil-gurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Qorti Ewropea u jsostnu li l-ghoti jew le ta' stat ta' refugjat ma jikwalifikax bhala dritt civili b'dana li allura ma jaqax li jigi protett fil-parametri tal-artikoli precitati. Da parti tieghu r-rikorrent jinsisti li l-proceduri quddiem il-Kummisssarju ghar-Refugjati ma jistghux jitqiesu bhala semplicement amministrattivi, izda aktar jixbhu process gudizzjarju fejn jingabru l-provi dwar x'kellu xi jghid ir-rikorrent u l-Kummissarju jasal ghad-decizjoni tieghu.

Illi f'dan l-istadju din il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet Amin Ruhul vs. Kummissarju tal-Pulizija deciza nhar it-28 ta' Gunju, 2022 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali – 250/2019 MCH) kif isegwi:

**'L-eccezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' applikabbilita tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea:**

Il-konvenuti eċċepew preliminarjament li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikawx fir-rigward tal-proceduri quddiem il-Kummissjoni Refugjati u l-Bord tal-Appelli dwar Refugjati.

L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea japplikaw fir-rigward ta' kull procedura gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarji li l-iskop taghha huwa li tiddetermina d-drittijiet jew obbligi civili tar-rikorrent jew li tkun titratta akkuza kriminali kontra tieghu. Dawn it-termini kollha ghandhom interpretazzjoni awtonoma, u jridu jigu interpretati fid-dawl tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni u mhux necessarjament tal-ligi ordinarja.

Il-Qorti tosserva illi hija gurisprudenza ormai kostanti tal-Qorti Ewropea li l-garanziji mahsuba fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jkoprux proceduri ta' azil, ghaliex proceduri dwar id-dhul, permanenza jew deportazzjoni ta' persuni barranin ma jittrattawx determinazzjoni tad-drittijiet jew obbligi civili taghhom, u lanqas ma jekwivalu ghal proceduri kriminali. F'dan ir-rigward il-Qorti ser taghmel referenza estensiva ghas-sentenza fl-ismijiet **Maaouia vs France (QEDB, 05/10/2000)** li kienet l-ewwel sentenza fejn il-Qorti Ewropea irriteniet li s-salvagwardji mahsuba fl-artikolu 6

talKonvenzjoni mhumiex applikabbli ghal proceduri li jitrattaw id-dhul, permanenza jew deportazzjoni ta' persuni barranin u spjegat ir-ragunament taghha b'mod dettaljat kif isegwi:

"35. The Court has not previously examined the issue of the applicability of Article 6 § 1 to procedures for the expulsion of aliens. The Commission has been called upon to do so, however, and has consistently expressed the opinion that the decision whether or not to authorise an alien to stay in a country of which he is not a national does not entail any determination of his civil rights or obligations or of any criminal charge against him within the meaning of Article 6 § 1 of the Convention (see, for example, Uppal and Singh v. the United Kingdom, application no. 8244/78, Commission decision of 2 May 1979, Decisions and Reports (DR) 17, p. 149; Bozano v. France, application no. 9990/82, Commission decision of 15 May 1984, DR 39, p. 119; Urrutikoetxea v. France, application no. 31113/96, Commission decision of 5 December 1996, DR 87-B, p. 151; and Kareem v. Sweden, application no. 32025/96, Commission decision of 25 October 1996, DR 87- A, p. 173). Rik 250/2019MC Ruhul vs Kummissarju et 8;

36. The Court points out that the provisions of the Convention must be construed in the light of the entire Convention system, including the Protocols. In that connection, the Court notes that Article 1 of Protocol No. 7, an instrument that was adopted on 22 November 1984 and which France has ratified, contains procedural guarantees applicable to the expulsion of aliens. In addition, the Court observes that the preamble to that instrument refers to the need to take "further steps to ensure the collective enforcement of certain rights and freedoms by means of the Convention ...". Taken together, those provisions show that the States were aware that Article 6 § 1 did not apply to procedures

for the expulsion of aliens and wished to take special measures in that sphere. That construction is supported by the explanatory report on Protocol No. 7 in the section dealing with Article 1, the relevant passages of which read as follows:

“6. In line with the general remark made in the introduction ..., it is stressed that an alien lawfully in the territory of a member state of the Council of Europe already benefits from certain guarantees when a measure of expulsion is taken against him, notably those which are afforded by Articles 3 (prohibition of inhuman or degrading treatment) and 8 (right to respect for private and family life), in connection with Article 13 (right to an effective remedy before a national authority) of the ... Convention ..., as interpreted by the European Commission and Court of Human Rights ...

7. Account being taken of the rights which are thus recognised in favour of aliens, the present article has been added to the ... Convention ... in order to afford minimum guarantees to such persons in the event of expulsion from the territory of a Contracting Party. The addition of this article enables protection to be granted in those cases which are not covered by other international instruments and allows such protection to be brought within the purview of the system of control provided for in the ... Convention ... ...

16. The European Commission of Human Rights has held in the case of Application No. 7729/76 that a decision to deport a person does ‘not involve a determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him’ within the meaning of Article 6 of the Convention. The present article does not affect this interpretation of Article 6.”

37. The Court therefore considers that by adopting Article 1 of Protocol No. 7 containing guarantees specifically concerning proceedings for the expulsion of aliens the States clearly intimated their intention not to include such proceedings within the scope of Article 6 § 1 of the Convention. […]
40. The Court concludes that decisions regarding the entry, stay and deportation of aliens do not concern the determination of an applicant's civil rights or obligations or of a criminal charge against him, within the meaning of Article 6 § 1 of the Convention.
41. Consequently, Article 6 § 1 is not applicable in the instant case."1 1 Ara wkoll: Penafiel Salgado vs Spain (QEDB, 16/04/2002); Sardinas Albo vs Italy (QEDB, 08/01/2004) Mamatkulov and Askarov vs Turkey (QEDB, 04/02/2005).

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan ir-ragunament u taghmlu taghha u ghalhekk tqis li din l-eccezzjoni tal-konvenuti hija fondata u qed tigi milqugha.

Il-Qorti tkompli billi tosserva li filfatt skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea huwa l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni li huwa applikabbli f'dawn il-kazijiet u mhux l-artikolu 6. Illi pero l-attur ma ressaq l-ebda ilment taht l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.'

Illi din il-Qorti rat li l-kaz odjern tista' tghid jaqa' taht l-istess kriterji adoperati mill-Qorti suesposta w'ghalhekk l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni li fuqhom huma msejsa t-talbiet odjerni ma japplikawx ghall-kaz odjern. Fil-kaz odjern ukoll ir-rikorrent ma ressaq l-ebda ilment taht l-artikolu 13 tal-konvenzjoni Ewropea.

Illi fi kwalunkwe kaz din il-Qorti minn analizi tal-provi fl-atti partikolarment l-atti tal-Kummissjoni u x-xhieda tar-rapprezentanti taghha, tqis li r-rikorrent inghata ampja opportunita′ sabiex iressaq il-kaz tieghu u inghata wkoll hafna ghajnuna sabiex ikun jista′ jressaq l-ahjar kaz possibbli favur tieghu. Mhux biss izda inghata d-dritt ta′ appell u jidher li usufruiwixxa minn dan id-dritt ghalkemm fl-atti ma ressaq l-ebda prova dwar dan. Gie wkoll infurmat li seta′ jqabbad Avukat tal-Ghajnuna Legali ghalkemm fl-atti ma rrizultax jekk sarx hekk jew qabbadx avukat privat fl-istadju tal-appell. Il-fatt li r-rikorrent ma kwalifikax ma jirrizultax li kien rizultat ta′ xi nuqqas tal-ligi jew tal-operat tal-Kummissjoni u l-Kummissarju, izda semplicement ghaliex il-fatti tal-kaz ma jwasslux sabiex huwa jikwalifika skont il-ligi sabiex jinghata l-istat ta′ refugjat.

Il-Qorti ghalhekk in vista tas-suespost ser tghaddi sabiex tilqa′ it-tielet eccezzjoni preliminari tal-intimat u per conseguenza ser tghaddi sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrent. In vista ta′ dan ikun superfluwu li din il-Qorti tinolta ruhha oltre fl-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimati.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta′ u tiddeciedi l-ilment kostituzzjonali odjern kif isegwi:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati li r-rikorrent ma esawriex ir-rimedji ordinarji;

2. Tilqa′ it-tielet eccezzjoni preliminari tal-intimati stante li jirrizulta li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma japplikawx ghall-kaz odjern;

3. Konsegwentement tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta′ Mejju 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 ta′ Mejju 2024**